MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 134/2005/1

**Stephen Piscopo**

**v.**

**Raymond Micallef**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B’citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Frar 2005 l-attur ippremetta: illi fis-17 ta’ Mejju 2003 huwa kien qieghed xoghol bhala Manager mas-Security Service Malta Limited fil-*car park* tal-kumpless ta’

Portomaso f’San Giljan; illi waqt li kien qieghed jaqdi dmiru huwa ntlaqat minn *trailer* ta’ dghajsa li kien ma’ vettura Numru ONE 919 li kienet qieghda tigi misjuqa mill-konvenut Raymond Micallef; illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-konvenut minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku *da parte* tieghu; illi b’konsegwenza tal-imsemmi incident l-attur sofra danni kosistenti f’*lucrum cessans* u debilita` permanenti f’persuntu kif jirrizulta mic-certifikat anness mal-att tac-citazzjoni mahrug mill-Kirurgu Mr. Carmel Sciberras MD FRCS (Dok “A”); illi l-konvenut debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni baqa’ inadempjenti;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti

1. Tiddikajra lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta’ Mejju 2003 u li fih sofra danni l-attur, u dan peress li l-istess konvenut kien qieghed isuq il-vettura fuq imsemmija numru ONE 919 b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess incident; konsistenti dawn id-danni kemm f’*damnum emergens* kif ukoll f’*lucrum cessans* fil-konfront tal-attur.

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv.

B’nota pprezentata fl-1 ta’ Marzu 2005 il-konvenut Raymond Micallef eccepixxa:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

(2) Illi mhux minnu illi l-incident imsemmi fic-citazzjoni sehh unikament tort tal-konvenut u ghar-ragunijiet

hemmhekk indikati attribwiti biss ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut, izda ghal kuntrarju sehh biss tort unikament tal-fatt illi l-attur ma hax il-prekawzjonijiet xierqa u gusti fix-xoghol tieghu u f'dak li kien qed jaghmel fil-mument tal-incident b'negligenza, imperizja u traskuragni tal-istess attur.

(3) Illi fit-tielet lok, l-attur ghandu jipprova d-danni kollha li qed jallega li sofra jew li qed isofri, *stante* illi dawn qed jigu kkonstestati.

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fis-26 ta' Marzu, 2009 bil-mod segwenti:
*"Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti,* ***taqta' u tiddeciedi,*** *billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut,* ***tilqa' t-talbiet attrici*** *biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-*

*"1. Tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh fis-17 ta' Mejju 2003 u li fih sofra danni l-attur, u dan peress li l-istess konvenut kien qieghed isuq il-vettura fuq imsemmija numru ONE 919 b'neglegenza, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;*

*"2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur konsegwenza tal-istess incident; konsistenti dawn id-danni kemm f'damnum emergens kif ukoll f'lucrum cessans fil-konfront tal-attur u dan fl-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€20,530.65).*

*"3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur id-danni hekk likwidati fl-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€20,530.65).*

*"Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut."*

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet.

“Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li fid-data in kwistjoni huwa gie milqut mill-konvenut waqt li dan kien hiereg mill-parking area ta’ Portomaso u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni li sofra.  Il-konvenut jinnega li l-istess incident sehh tort tieghu.

“Illi mill-atti processwali jirrizulta li fid-data relattiva ghall dan il-kaz il-konvenut Raymond Micallef kien residenti fil-kumpless ta’ Portomaso, San Giljan, u kien igawdi minn *parking place* fil-*parking* sottopost ghall-istess kumpless, fil-waqt li l-konvenut kien impjegat bhala Chief Security Officer mas-socjeta’ Security Service Malta Limited li kienet ingaggata mis-socjeta’ Parkwell Limited li kienet igesti l-istess sistema ta’ parking.

“Illi fis-16 ta’ Mejju 2003 l-konvenut kien dahhal fl-istess kumpless ta’ parking Land Rover Freelander Reg.  No. ONE 919 u karru tad-daghjsa ta’ ghoxrin pied tul, u dan sar skond huwa minghajr l-assistenza ta’ ebda persuna, izda biss permezz tal-uzu ta’ car personalizzata li thaddem il-*barriers* elektronici installati fl-istess kumpless li huma forniti lir-residenti.

“Illi fis-17 ta’ Mejju 2003 l-istess konvenut akkumpanjat minn martu Karen Micallef u ommu Annie Micallef ried johrog l-istess vettura u karru mill-istess kumpless, u kien ipparkjat fil-livel “minus one” u biex jaccedi ghat-triq ried jaghddi minn zewgt barriers, wahda li taghlaq l-*parking area* tar-residenti fl-istess livell u l-ohra ghall *exit gate* li taghti ghat-triq, u l-konvenut setgha juza l-*card* personalizzata ghaz-zewgt barriers.

“Illi sabiex jevita manuvrar fit-tul jirrizulta li l-konvenut ghazel li johrog mill-karreggiata li s-soltu tintuza biex jidhlu il-karozzi fl-area tal-parkegg tar-residenti; la darba dan kien il-kaz l-istess konvenut kellhu bzonn assistenza ta’ terza persuna ghaliex la darba kien ser jghaddi mill-karreggiata minn fejn is-soltu jidhol il-vetturi, l-karozza tieghu ma’ kienitx ser tkun quddiem is-*sensor* imwahhal

mal-art bi dritt il-*card reader* u ghalhekk kien hemm bzonn li l-*barrier* tinfetah permezz ta’ master card li s-socjeta’ li tiggestixxi l-*parking* ikollha fil-pussess taghha.

“Illi skond it-tezi tal-konvenut Karen Micallef marret ghalhekk titlob l-assistenza tal-attur u fil-fatt l-istess konvenut fetah ir-*residents parking area* darbtejn sabiex l-istess konvenut ikun jista’ jaghddi bil-vettura u l-karru; meta l-konvenut ghamel dan mar fl-*exit gate* dahhal il-card personali tieghu u beda hiereg izda hass li laqghet xi haga li jirrizulta li kien laqghet lill-attur li kien dahhal bejn il-karru u l-hajt tan-naha tax-xufier peress sabiex juza l-*master card* fil-*card reader* jrid jghaddi minn fuq xi bankina ta’ xi pied u ftit pulzieri, appogogjata b’hajt tal-appogg (liema banikina twessghet wara l-incident).

“Illi t-tezi tal-attur huwa li l-konvenut talbu asistenza sabiex johrog miz-zewgt *barriers,* kemm dak residenzjali u kemm dak ghall hrug il-barra mill-kumpless, u dan ghaliex kien hemm bzonn l-assistenza tieghu fiz-zewg operazzjonijiet, l-ewwel wahda ghaliex l-konvenut kien ser jghaddi min-naha minn fejn is-soltu jidhlu (u mhux johorgu) l-karozza ghall-area residenzjali, u fit-tieni wahda peress li minhabba li s-*sensor* sabiex tinfetah il-barriera huwa ma’ l-art, dan jibqa miftuh kemm il-darba l-vettura tkun quddiemu, u jinghalaq wara li l-karozza timxi – b’hekk kien hemm il-perikolu li la darba tghaddi l-vettura, l-barriera tilhaq tinzel qabel ma’ johrog il-karru, u kien ghalhekk allura li dak li kellhu jsir kien li l-ewwel l-konvenut juza l-*card* tieghu johrog jsuq il-karozza, jistenna lill-konvenut sabiex juza l-*mastercard* tieghu sabiex jerga’ jinfetah il-barrier, u mbaghad l-attur johrog ill-karru wkoll. F’dan il-kuntest l-attur jixhed li bilfors kellhu jsir hekk peress li l-*personal card* ma setghetx tintuza darba ghall hrug u darba ghad-dhul u jghid ukoll li dan kien il-ftehim mal-konvenut.

“Illi skond l-attur dak li gara kien li meta l-konvenut gie biex johrog mit-tieni *barrier* huwa ma mexxiex mal-ftehim li kellhu mal-attur sabiex jistennih sabiex jiftah il-gate bil-mastercard tieghu u *“baqa’ hiereg minghajr ma ta’ cans il-barrier tinzel u lil attur idahhal i-master card tieghu biex*

*din terga titla' ha jinhareg il-karru, bil-konsegwenza illi l-attur wegga' peress li nqabad bid-double wheel tal-karru li kien hdejn il-card reader tat-tieni barrier lest biex kif kien ftiehem mal-konvenut jiftahlu bil-master card tieghu".* (para. 1 tat-2 pagna tan-nota ta' osservazzjonijiet – fol. 233).

"Illi t-tezi tal-konvenut hija li huwa kellhu biss bzonn l-ghajnuna tal-attur sabiex tinfetah biss l-ewwel *barrier* u dan proprju ghaliex peress li huwa kien ser jghaddi mill-karreggiata min fejn is-soltu jidhlu l-vetturi, ma kienx setgha jiftah il-barrier bil-card tieghu; la darba sehh dan huwa ma kellhux bzonn iktar l-ghajnuna tal-attur ghaliex l-*exit gates* setgha joperaw bil-*card* tieghu. In konsistenza ma' dan il-konvenut jghid li huwa l-ahhar li ra lill-konvenut kien fil-punt "Z" fil-pjanta Dok. "SPA 1" (fol. 128), b'dan allura li meta mar ghall-*exit barrier* huwa kellhu biss jintroduci l-*card* tieghu u jibqa' ghaddej mill-ewwel, b'mod allura li l-attur ma kellhux ikun involut f'din il-parti tal-hrug tieghu mill-istess kumpless ta' parking.

"Illi ovvjament il-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi hija kostretta sabiex tara liema minn dawn il-versjonijiet moghtija mill-partijiet hija l-iktar wahda kredibbli u hawn trid toqghod fuq mit-tezijiet rispettivi tal-partijiet li hija korroborata u verosimili.

"Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jinghad li huwa pertinenti ghas-soluzzjoni tal-pendenza li meta sehh l-incident in kwistjoni l-konvenut kien uza l-*card* tieghu u kien hareg mill-*exit gate* minghajr l-assistenza tal-istess attur, izda lanqas huwa kontestat li l-vettura waqfet biss hdax (11) il-pied (cirka) aktar il-quddiem mill-barriera kif indikat fid-Dok. "SPA 3" (fol. 130) u fir-ritratt Dok. "REA 2" (fol. 112) u kif jirrizulta mill-istess dokumenti kienet biss il-vettura li lahqet ghaddiet u l-karru kien ghadu ma' ghaddiex mill-istess *barrier*. Dan johrog ukoll mix-xhieda tal-attur datata 27 ta' Frar 2007 u wkoll mix-xhieda tal-konvenut u x-xhieda kollha l-ohra moghtija u d-dokumenti kollha prodotti.

"Illi huwa veru li l-konvenut jghid li l-istess *barrier* baqghet hekk imtella', u huwa waqaf hemm biss ghaliex huwa hass daqqa huwa hiereg bil-karozza mit-tieni *exit*, izda certament li l-istess *barrier* ma' hijiex programmata sabiex tibqa' miftuha ghall dak it-tul taz-zmien, u din il-Qorti thoss li minn dan u mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta ppruvat li sabiex l-istess konvenut jkun jista' johrog mit-tieni *barrier* dan setgha jaghmlu biss jekk tintuza l-*master card* tal-attur, b'mod li l-konvenut ma' setghax johrog minhajr l-assistenza ta' persuna ohra u wkoll ta' *card* ohra.

"Illi ma dan jizdied jinghad li l-manuvrar li sar mill-konvenut sabiex sehh l-incident gie registrat fuq video esebit fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2006, li jikkonferma t-tezi tal-attur. Ma dan jizdied ir-rapport tal-okkorenza immarkat bhala Dok. "MA 1" (fol. 71) fejn jinghad li wara l-incident l-istess konvenut kien qal lis-Surgent P. S. 547 Martin Agius li huwa u hiereg mill-*carpark* ta' Poromasso huwa kien talab lis-*security* biex jiftahlu l-ewwel grada, meta kien hiereg u qed idur, laqat lill *guard* bir-rota (fol. 57).

"Illi dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti jfisser li hija iktar verosimili t-tezi tal-attur li kien hemm ftehim sabiex l-attur jghin lill-konvenut johrog kemm mill-ewwel *barrier* u kemm mit-tieni *barrier* fejn sar l-incident, u dan jinsab wkoll ikkoroborat mix-xhieda ta' Konrad Sultana, li spjega bl-iktar mod skjet li fil-fatt din hija l-procedura li tigi segwieta meta persuna jkollha vettura twila jew ikolla karru fuq wara (Dok. "JP 3"). Mhux hekk biss izda l-istess xhud ikkonferma li kien hemm l-istess ftehim fis-sens li l-attur kellhu jghin lill-konvenut fiz-zewgt operazzjonijiet, u li l-konvenut kien sostna mieghu li l-incident kien sehh ghaliex *"huwa kien haseb li ser jirnexxielu johrog bil-karru b'kollox minghajr il-htiega li tintuza t-tieni card mill-attur u rranka biex johrog bil-karru b'kollox".*

"Illi fil-fatt l-istess xhud jghid li *"mal-konvenut dwar il-kaz tkellimt diversi drabi, u hu qatt ma prova jichad ir-responsabilita' tieghu ghall-incident, anzi dejemm ammetta mieghi li kien zbalja li ma segwiex l-istruzzjonijiet li kienu nghatawlu mill-attur biex johrog mill-car park bil-karru".* Din ix-xhieda mhux kaz ta' *detto del detto,* izda

xhieda diretta ta’ dak li l-konvenut qal lill istess xhud u f’dan il-kuntest din il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet maghmula mill-attur fuq dan il-punt fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu.

“Illi ghalhekk tenut kont tal-*fattispecie* tal-kaz din il-Qorti thoss li fid-dawl ta’ dan kollu, li l-attur ipprova sal-grad rikjest mill-ligi, li attwalment l-konvenut talab l-assistenza tal-attur sabiex jinfethu z-zewgt gates; gie deciz kif kellha tkun il-manuvra ghall-kull gate, u fil-waqt li meta hareg mill-ewwel gate kollox mexa sew, pero’ meta l-attur gie sabiex jghaddi mit-tieni *gate*, minflok l-ewwel uza l-card tieghu ghadda u mbaghad stenna lill-attur sabiex juza l-*card* tieghu, sabiex terga’ tinfetah il-*barrier,* huwa pprova jghaddi mill-ewwel bil-karru b’kollox minghajr ma’ ta kaz tal-posizzjoni tal-konvenut, li sadanitant kien segwa lill-konvenut, sabiex jassistih fil-ftuh tal-gate mill-gdid, b’dan li sabiex jaghmel dan l-attur kellhu jkun fil-posizzjoni bejn il-karru u l-hajt tan-naha tax-xufier peress sabiex juza l-*master card* fil-card reader l-attur ried jghaddi minn fuq bankina ta’ xi pied u ftit pulzieri, appogogjata b’hajt tal-appogg, u b’hekk intlaqet mill-konvenut ghaliex ovvjament il-konvenut ma qadtx attent ghall-posizzjoni u fejn kien l-attur.

“Illi dwar ix-xhieda tal-konvenut u ta’ martu din il-Qorti thoss li din ma hijiex konsistenti tant li fl-affidavit taghha mart il-konvenut tghid li meta hija avvicinat lill-attur sabiex jghinhom jghaddu mill-ewwel barrier tghid li hija u zewgha talbuh sabiex jiftah l-ewwel gate biss u dan qabel ma’ bdiet is-sehh il-procedura, mentri mix-xhieda tal-attur jirrizulta li wara li martu kellmet lill-attur, huwa wkoll kellmu wara li kienet saret l-ewwel manuvra. F’dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza ghall dak li inghad mill-attur fin-nota ta’ osservazzjonijiet rigward l-istess xhieda, u wkoll dak hemm sottomess dwar id-dikjarazzjonijiet li ghamel il-konvenut wara l-istess incident inkluzi dawk mal-attur, li kollha jindikaw ukoll li l-istess konvenut kien konxju sew tal-istess ftehim, u li huwa ma segwiex l-istess, u b’konsegwenza l-istess incident sehh b’tort esklussiv tieghu.

"Illi f'dan il-kaz ghalhekk jirrizulta li l-konvenut kien konxju ta' dak li kien ser jaghmel l-attur, u dan peress li l-ftehim u l-arrangament mieghu kien li kellhu jghinu sabiex tinfetah it-tieni *barrier* ghall-hrug tieghu mill-istess kumpless, b'dan allura li l-istess konvenut kien konxju ta' dak kollu li kien ser jigri, b'hekk allura li l-istess konvenut kellhu joqghod attent sabiex naturalment ma weggghax lill-attur meta jkun qed isuq il-vettura tieghu l-barra mill-istess kumpless, specjalment meta l-attur ikun sejjer jew ikun qed juza l-*mastercard* sabiex terga' tinfetah l-exit gate, u dan ifisser li l-istess konvenut kien negligenti u ma uzax il-prudenza, d-diligenza u hsieb ta' *bonus paterfamilias* a tenur tal-**artikolu 1032 (1) tal-Kap. 16** u ghalhekk huwa responsabbli ghall-incident li soffra l-istess attur.

"Illi ghall dak li huma likwidazzjoni ta' danni jirrizulta li kawza tal-incident huwa ma setghax jiehu promozzjoni hlief fl-1 ta' Settembru 2003 meta rritorna ghax-xoghol u allura kien hemm differenza fil-paga ta' Lm83 (€193.39) mensilment ghall 3 xhur ammontati ghall-Lm249 (Dok. "JP 1" fol 43), u dan minbarra ma setax immur ghax-xoghol bejn is-17 ta' Mejju 2003 sat-3 ta' Settembru 2003 (fol. 39) u allura tilef introjtu ta' Lm 606.67 (€1,413.54) li jwasslu ghall-total ta' Lm855.67 (€1,993.17).

"Illi dwar id-*damnum emergens* jirrizulta li l-attur kellu 27 sena meta sehh l-incident u huwa soffra disabilita' permanenti ta' 5% .

"Illi tenut kont li l-istess attur kellu introjru ta' Lm4,531.60 meta sehh l-incident ("BVA 6") u meta tikkonsidra l-introjtu tieghu kemm qabel u kemm wara l-incident skond id-dokumenti relattivi esebiti ("BVA 2" sa "BVA 8") li juru introjtu superjuri ghall-istess, din il-Qorti thoss li bl-applikazzjoni tal-multiplikazzjoni ghandha timxi fuq is-somma ta' €12,112.74 (Lm5,200) u ghandha tapplika *multiplier* ta' 34 sena b'dan li l-istess ghandha twassal ghas-segwenti somma.

€12,112.74 x 34 x 5% = €20,591.66

“Illi Illi ghalhekk jirrizulta li ghaddew hames (5) snin minn meta sehh l-akkadut u b’riferenza ghas-sentenzi **“Angelo Galea vs Joseph D’Agostino et”** (P.A. (JSP) 16 ta’ Dicembru 1996) u **“Olga Busuttil et vs Raymond Muscat”** (P.A. (GCD) 6 ta’ Gunju 1997) u **“Arthur Bonello nomine et vs James Camilleri et”** (P.A. (JSP) 13 ta’ Jannar 1998) u **“Darren Sammut vs Eric Zammit”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Novembru 2001) la darba dan huwa l-kaz it-tnaqqis ghall-*lump sum payment* ma ghandhux ikun ta’ iktar minn 10% b’dan ghalhekk li l-ammont fuq indikat ghandu jinzel b’ €2,059.72 u ghalhekk l-ammont li ghandu jithallas mill-konvenut lill-attrici huwa dak ta’ €18,537.48.

“Illi ma’ dan l-ammont ta’ €18,537.48 ghandha tizdied is-somma ta’ €1,993.17 , u ghalhekk l-ammont dovut lill-attur mill-konvenut huwa dak ta’ ghoxrin elf, hames mija u tletin ewro u hamsa u sittin centezmu (€20,530.65).

“Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu milqugha fl-ammonti hawn indikati.”

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fis-7 ta’ April 2009 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi, filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-attur appellat ipprezenta r-risposta tieghu fit-23 ta’ April, 2009 fejn, filwaqt li ddikjara li s-sentenza appellata hija wahda gusta u timmerita konferma, talab li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell tal-konvenut jigi michud.

**Il-fatti tal-kaz.**

Dawn il-proceduri jikkoncernaw talba ghall-hlas tad-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta’ incident li sehh fl-Under Ground Car Park tal-kumpless ta’ Portomaso fis-17 ta’ Mejju, 2003.

L-attur, dak iz-zminijiet kien impjegat bhala Security Officer mas-socjeta` li topera l-Car Park. Il-konvenut kien residenti f'Portomaso u bhala tali kellu l-facilita` ta' *card* personalizzata biex jopera l-"*barriers*" elettronikament. Ghall-habta tal-10.20a.m. fid-data msemmija, meta l-attur kien jinsab fil-Control Room, huwa gie avvicinat minn mart il-konvenut b'talba biex jassisti lill-istess konvenut waqt il-manuvra biex johrog vettura, bi *trailer* warajha, mir-*residents parking* billi, minhabba t-tul tal-istess vettura u *trailer*, il-konvenut kellu jghaddi "*wrong way*" u b'hekk ma setax juza l-*card* personalizzata biex jopera l-"barrier".

Biex tohrog mill-Car Park il-vettura tal-konvenut, bit-*trailer* warajha, kellha tghaddi minn zewg "*barriers*". L-ewwel dik li tikkontrolla l-access ghar-"*Residential Parking*". U wara dan il-konvenut kellu jghaddi minn "*barrier*" ohra li kienet taghti ghat-triq ta' barra. L-attur telaq mill-*Control Room* u assista lill-konvenut jimmanuvra l-ewwel "*barrier*" billi, kif spjega fl-affidavit tieghu, l-ewwel introduca l-*card* tieghu fis-sistema biex tghaddi l-vettura tal-konvenut u wara rega' ghamel l-istess haga biex ghadda t-*trailer.* Infatti hekk jirrizulta fis-*System's Report* a fol. 48 tal-process, fejn hemm registrat li fl-10.23.44 u regghet fl-10.23.51, "*Attendant*" opera l-"*In Barrier*" u dan billi l-konvenut kien hiereg mill-"*entrance*" tar-"*Resident's parking*" minhabba problemi ta' manuvrar.

Wara din il-manuvra jirrizulta li fil-10.25.47 cioe` ftit anqas minn zewg minuti wara li hareg mir-"*Resident's parking*" il-konvenut introduca l-"*personalised card*" tieghu fis-sistema biex jopera l-"*barrier*" tan-naha tal-lemin u meta saq sema' hoss fuq in-naha ta' wara fuq il-lemin u meta waqaf u ivverifika sab li kien laqat lill-attur.

Hemm nuqqas ta' ftehim dwar x'wassal ghal dan l-incident. L-attur isostni li kien intlahaq ftehim bejnu u l-konvenut fis-sens li wara li l-attur jopera r-"*Resident's Barrier*" kif fuq inghad, kellu jmur biex jassisti lill-konvenut biex jerga' jiftah l-"*barrier*" wara li tghaddi l-vettura tal-konvenut mill-"*barrier*" li twassal ghat-triq. L-attur jghid li hu hekk ittanta jaghmel biss wara li l-konvenut introduca l-

"*personalised card*" tieghu fis-sistema, billi issa seta' jilhaq il-kaxxa, huwa saq b'sahha 'l quddiem f'tentattiv li jghaddi, bit-*trailer* b'kollox, qabel ma terga' tinzel l-"*barrier*" u dak il-hin laqat lill-attur li kien fuq in-naha tal-lemin bejn il-vettura tal-konveut u l-hajt fejn tinsab il-kaxxa li topera s-sistema.

Il-konvenut jirritjeni xort' ohra billi huwa jghid li qatt ma kien hemm ftehim li l-attur jassistih fl-operazzjoni tat-tieni "barrier", billi skont hu, seta' facilment johrog bhalma kien dahal il-gurnata ta' qabel. Il-konvenut ghalhekk isostni li l-attur qatt ma messu kien jinsab fejn kien meta ntlaqat billi l-assistenza tieghu la kienet mehtiega u lanqas mitluba, u li, konsegwentement l-attur kien pogga lilu nnifsu f'sitwazzjoni perikoluza bil-konsegwenza ta' dak li gara u ta' liema l-istess konvenut ma jistax jinstab hati.

F'dawn il-proceduri kien tqabbad espert legali (apparti wiehed mediku minhabba l-allegata dizabilita` tal-attur) u dan ikkonkluda li "*mill-assjem tal-provi prodotti u fil-fehma umili tal-esponent, din l-Onorabbli Qorti ghandha, filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjonijiet* [recte: eccezzjoni] *tal-konvenut tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.*" Ghall-fini ta' kjarezza qed tigi riprodotta t-tieni eccezzjoni tal-konvenut fejn jinghad hekk:
*"Illi mhuwiex minnu illi l-incident imsemmi fic-citazzjoni sehh unikament tort tal-konvenut u ghar-ragunijiet hemmhekk indikati attribwiti biss ghal tortijiet imputabbli lill-konvenut, izda ghal kuntrarju sehh biss tort unikament tal-fatt li l-attur ma hax il-prekawzjonijiet xierqa u giusti fix-xoghol tieghu u f'dak li kien qed jaghmel fil-mument tal-incident u allura b'negligenza, imperizja u traskuragni tal-istess attur;"*

F'din l-eccezzjoni donnu li l-konvenut in prim analizi qed jammetti t-tort izda jattribwixxi lill-attur, negligenza kontributorja, billi jinghad "*Illi mhuwiex minnu illi dan l-incident ..... sehh* <u>*unikament*</u> *tort tal-konvenut"* izda aktar l-isfel fl-istess eccezzjoni l-konvenut jichad kull responsabbilita` billi jghid li dan l-incident sehh minhabba nuqqasijiet attribwibbli totalment lill-attur.

Il-perit legali wasal ghal din il-konkluzjoni wara li osserva li "*l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad li trid il-ligi illi huwa kien ta' struzzjonijiet kif minnu allegat fir-rigward tat-tieni exit barrier, u li l-presenza tieghu mal-card reader fejn sehh l-incident kienet inaspettata ghall-konvenut li ghalhekk qatt ma seta' jipprevedi, b'dehen ta' persuna ordinarja li l-agir seta' kellhom il-konsegwenzi li sfortunatament hallew. L-agir tal-konvenut ma jistax jigi kwalifikat, kif insenjat, bhala wiehed nieqes minn prudenza, diligenza jew hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u ghalhekk l-ghemil tal-attur* [recte: konvenut] *ma jistax jitqies bhala wiehed kolpuz ghall-finijiet u effetti tal-ligi.*"

Dan premess il-perit legali kkunsidra wkoll il-pozizzjoni rizultanti jekk jigi kunsidrat li kien hemm ftehim bejn il-partijiet fir-rigward tal-exit barrier u f'dan il-kaz sostna li ghandha tapplika l-massima legali "*volenti non fit injuria*" stante li l-attur intrometta ruhu fi spazju tant limitat b'perikolu serju ghalih innifsu meta kien prevedibbli li l-konvenut kien izjed koncentrat fuq il-manuvrar milli haga ohra.

Kuntrarjament ghal dak li gie ritenut mill-perit legali, l-ewwel Qorti kkonkludiet li l-konvenut kellu jinsab responsabbli ghall-akkadut billi, fil-fehma ta' dik il-Qorti, kien intlahaq ftehim bejn il-kontendenti dwar l-assistenza li kellha tinghatha mill-attur fl-"*exit barrier*" u ghalhekk, skont dik il-Qorti: "*il-konvenut kien konxju ta' dak li kien ser jaghmel l-attur, u dan peress li l-ftehim u l-arrangament mieghu kien li kellu jghinu sabiex tinfetah it-tieni barrier ghall-hrug tieghu mill-istess kumpless .... b'hekk allura li l-istess konvenut kellu joqghod attent sabiex naturalment ma weggax lill-attur meta jkun qed isuq il-vettura tieghu 'l barra mill-istess kumpless..... u dan ifisser li l-istess konvenut kien negligenti u ma uzax il-prudenza, d-diligenza u hsieb ta' bonus paterfamilias a tenur tal-Artikolu 1032 (1) tal-Kap. 16 u ghalhekk huwa responsabbli ghall-incident li sofra l-istess attur.*"

**l-Aggravji tal-konvenut appellant.**

Il-konvenut ressaq zewg aggravji kontra s-sentenza appellata billi:

a) Dwar ir-**responsabbilita`** qed jissottometti li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-provi migjuba quddiemha, qalbet ta' taht fuq il-provi li tressqu quddiemha u bil-mod kif applikat il-provi migjuba quddiemha, waslet biex sahansitra anke ghamlet *a miscarriage of justice* mal-esponenti – inoltre naqset milli tiehu konjizzjoni ta' fatti u provi ohra decizivi, li wassalha ghal konkluzjonijiet zbaljati, kif ser jigi hawn taht spjegat.

*b)* Dwar id-**danni** qed jigi sottomess li l-ewwel Qorti kienet skorretta fil-kalkolu taghha tad-danni allegatament sofferti mill-attur.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Lord MacMillan fis-sentenza **Hay v. Young** (1943) meta jikkonsidra l-obbligu ta' persuna fil-kuntest tar-responsabbilita` ghad-danni jesprimi ruhu hekk: "*The duty to take care is the duty to avoid doing or omitting to do anything the doing or omitting to do which may have as its reasonable and probable consequences injury to others, and the duty is owed to those to whom the injury may reasonably and probably be anticipated if the duty is not observed."*

Fil-kaz in ezami sehh incident meta l-konvenut saq il-vettura tieghu meta attur kien jinsab man-naha tal-lemin tal-istess vettura u gie milqut bid-*double wheel* tat-*trailer* li kien qed jigbed il-konvenut.

Il-post fejn sehh l-incident huwa miftuh ghall-pubbliku fejn hemm cirkolazzjoni ta' traffiku diehel jew hiereg mill-*car park*. F'dawn ic-cirkostanzi wiehed ghandu jistenna attenzjoni aktar rigoruza minn naha tas-sewwieqa, li jkollhom taht il-kontroll taghhom apparat intrinsikament perikoluz, billi facilment jista' jintlaqat "pedestrian".

Il-perit legali, l-ewwel Qorti, u l-partijiet fir-rikors tal-appell u r-risposta, ghamlu enfasi qawwija u kontinwa fuq il-fattur

tal-ftehim bejn il-kontendenti billi dan il-ftehim jew l-assenza tieghu, kellu jiddefinixxi d-dmirijiet u obbligi tal-partijiet rispettivi. Kif rajna l-ewwel Qorti sabet htija fil-konvenut ghax rrikonoxxiet li kien intlahaq ftehim dwar l-intervent tal-attur fl-operazzjoni tal-*exit barrier*. L-appellant ghamel referenza ghal diversi provi biex juri li din il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti kienet zbaljata u li ma kien hemm ebda ftehim u li, per konsegwenza l-attur ma kellu ebda raguni jew skuza li jmur fil-post fejn eventwalment intlaqat u li ghalhekk kien assuma r-riskju tal-korriment, kif effettivament sehh.

Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u waslet ghal konkluzjoni li l-ezistenza o meno ta' ftehim kif hawn fuq prospettat huwa rrilevanti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident. Wara kollox din l-azzjoni mhux imsejsa fuq xi nuqqas kontrattwali izda hija bazata fuq *culpa aquiliana*. Minn kif sehh l-akkadut din il-Qorti tifhem li f'hin minnhom il-vettura tal-konvenut kienet wieqfa. Inoltre immedjatament qabel ma imxiet il-vettura tal-konvenut, l-attur kien gia` jinstab mal-gemb lemini (u cioe` fuq in-naha tad-driver) ta' dik il-vettura u ghalhekk kien facilment vizibbli mis-"*side mirror*" tal-*Land Rover*. Kien mistenni ghalhekk mill-konvenut li b'semplici daqqa t'ghajn fil-mera tal-gemb kien jara lill-attur u, fic-cirkostanzi tal-kaz jintebah li, bil-karru warajh, seta' johloq perikolu ghall-inkolumita` tal-istess attur billi l-bankina ma kinitx tali li tippermetti li wiehed jitla' fuqha u l-kurva fit-triq kienet tali li l-karru ta' bil-fors kien ser jigbed aktar lejn l-attur. Fil-fatt hekk gara u l-attur intlaqat bid-*double wheel* tal-karru. Il-konvenut ghalhekk kien taht l-obbligu li, darba josserva lill-attur mill-mera, ma jsuqx u jinformah biex iwarrab minn fejn kien. Minflok jirrizulta li l-konvenut qatt ma ra lill-attur f'dik il-pozizzjoni, u dan ovvjament ghax ma harisx u fit-tenattiv tieghu li johrog minn taht il-"*barrier*" kemm bil-vettura u kemm bil-karru f'manuvra wahda, kif allegatament kien ghamel lejliet, ma ta' kaz hadd u hekk kif tela' l-*barrier,* applika l-*accelarator* biex jittanta johrog fit-triq. Minn dan jidher li s-sitwazzjoni tal-konvenut tattalja perfettament ma' dak li qal Lord MacMillan fis-sentenza hawn fuq citata u li kwindi l-istess konvenut ghandu jinzamm responsabbli ghall-akkadut billi naqas milli juza

dik l-attenzjoni minima mehtiega li biha seta' facilment evita l-incident. Ghandu jinghad li l-osservanza tal-principju ta' *Proper look out* f'ambjent ta' sewqan ghandha tkun il-minimu li wiehed jistenna u kif ipoggiha b'mod succint l-awtur tal-pubblikazzjoni "*A user-friendly guide for safe driving*" ir-regolamenti jehtiegu s-sekwenza li, fost affarijiet ohra, qabel ma wiehed jittanta jimxi b'vettura, huwa ghandu (a) ihares mill-mera ta' gewwa, (b) ihares mill-mera tal-gemb u (c) ihares minn fuq spaltu tal-lemin. Mill-provi kollha prodotti ma jirrizultax li l-konvenut osserva din is-sekwenza – kieku ghamel hekk kien jinduna bil-prezenza tal-attur u l-incident kien jigi evitat.

Illi hafna mill-affarijiet li jindika l-konvenut fir-rikors tal-appell taht il-kappa tal-ewwel aggravju ghandhom mis-sewwa biss, kif intqal hawn fuq, din il-qorti ma tarax ir-rilevanza tal-ftehim li seta' kien hemm bejn il-kontendenti ghad-determinazzjoni tar-responsabbilita` ghall-incident. L-ewwel aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

**Dwar il-likwidazzjoni tad-danni.**

Il-konvenut qed jilmenta ukoll dwar l-ammont eccessiv ta' kumpens li gie likwidat favur l-attur u jissottometti li fl-eventwalita` li din il-Qorti issib xi htija fil-konvenut, kif fil-fatt qed issib, id-danni ghandhom jigu ridotti.

L-ilment tal-konvenut jikkoncerna principalment zewg aspetti ta' din il-kwistjoni.

Fl-ewwel lok il-konvenut isostni li l-attur ma kellux jigi kkumpensat ghat-telf li l-attur sofra minhabba l-fatti li ma rceviex il-*promotion* bhala konsegwenza tal-incident. B'kollox din is-somma tammonta ghal LM249 cioe` LM83 fix-xahar ghal tlett xhur. L-appellant jissottometti li din is-somma ma hijiex dovuta billi ma kienx hemm certezza "*illi l-attur kien ser jiehu promotion l-ghada tal-incident".* B'risposta ghal dan issir referenza ghall-ittra tal-*General Manager* ta' *Security Services Malta Ltd* tad-29 ta' Settembru 2005 (fol. 43) fejn jinghad espressament li "*Mr Piscopo was due to be promoted to a supervisor <u>and his</u>*

*promotion had to be postponed to the 1st September 2003 as a result of the accident.*"

Fit-tieni lok l-appellant joggezzjona li l-*multiplier* biex jigi komputat il-*Lucrum Cessans* jiehu in konsiderazzjoni l-paga mizjuda (wara l-*promotion*) u mhux dik attwali ta' meta sehh l-incident. Dwar dan il-Qorti tosserva li dan l-ilment jew ragunament mhux accettabbli. Huwa maghruf li l-*lucrum cessans* huwa progettat fil-futur u mhux haga statika. Ghalhekk generalment dejjem ikun hemm "*allowance*" ghall-inflazzjoni li hija riflessa f'paga oghla fuq il-firxa ta' snin li fuqhom huwa mahdum il-*multiplier*. Fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti kellha fatt accertat u cioe` li l-paga kellha tkun tant u dan minn xi granet wara l-akkadut. Kienet ghalhekk korretta dik il-Qorti, anzi din il-Qorti tghid li l-ewwel Qorti zammet lura hafna, meta uzat l-ammont ta' paga mizjuda ghal fini tal-*multiplier*.

Dan l-aggravju ghalhekk ukoll ma jirrizultax gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija u mhux necessarjament ghal dak li jinghad fis-sentenza appellata, l-appell tal-konvenut qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------